## Il-Biblijoteka Nazzjonali



Il-bini tal-Biblijoteka Nazzjonali jinsab f' Misraħ ir-Repubblika jew kif inhi magħrufa ma' ħafna Maltin Pjazza Reġina. Bdiet tinbena fl-1776 taħt il-Gran Mastru De Rohan minħabba li l-post fejn kienu jinżammu l-kotba u dokumenti oħra fil-Belt ma kienx kbir biżżejjed għall-ammont ta' kotba li kien hemm. Il-binja tlestiet fl-1796 u hija l-aħħar waħda tal-Kavallieri f'pajjiżna.

Il-fundatur tal-Biblijoteka kien il-Balliju Guerin de Tencin li fl-1766 ħalla kollezzjoni ta' kotba li kienet tlaħħaq id-9600 volum. Biex il-kollezzjonijiet tpoġġew kollha fil-bini l-ġdid għaddew is-snin u kien biss fl-1812 (fi żmien l-Ingliżi) li l-Biblijoteka nfetħet uffiċjalment. Bil-liġi żewġ kopji ta' kull pubblikazzjoni stampata f'Malta jridu jingħataw lill-Biblijoteka Nazzjonali.







**ID-DIPARTIMENT TAT-TMEXXIJA TAL-KURRIKULU (IT-TAQSIMA TAL-MALTI) u L-BIBLIJOTEKA NAZZJONALI TA' MALTA**

# MIXJET IL-MALTI





## Minn Caxaro sa Aquilina

*Ħarsa lejn uħud mix-xogħlijiet u l-persunaġġi ewlenin li ħadmu għall-iżvilupp tal-Malti tul is-sekli.*

ŻJARA EDUKATTIVA FIL-BIBLIJOTEKA NAZZJONALI

Mill-25 sad-29 ta' April 2022

**KTEJJEB TA' TAGĦRIF**

L-Isem:____________________ Il-Klassi:________

## 1. **Pietru Caxaro** - *Il-Kantilena* (c. 1450)



*Il-Kantilena* hija l-ewwel kitba li għandna bil-Malti u għandha l-forma ta' poeżija. Kitibha Pietru Caxaro fis-seklu ħmistax u għalhekk miktuba b'Malti Medjevali. Instabet mill-Professur Godfrey Wettinger u Patri Mikiel Fsadni waqt li kienu qed jagħmlu xogħol ta' riċerka fl-arkivji notarili fil-Belt Valletta. Il-poeżija salvaha Brandano de Caxaro li kien nutar u qarib tal-awtur Pietru Caxaro billi kitibha fuq wieħed mill-volumi fejn kien iżomm il-kuntratti.



Fil-poeżija l-awtur jitkellem dwar perjodu ikrah li għadda minnu (falliment fl-imħabba), li minħabba fih iħossu mdejjaq. Caxaro jinqeda bil-metafora tad-dar li mhix mibnija fuq pedament sod. Imbagħad fit-tieni strofa hemm bidla - il-poeta jidher li reġa' beda jikseb it-tama u minn bniedem li jaqta' qalbu jsir wieħed li b'determinazzjoni jerġa' jsib il-fiduċja. Fl-aħħar strofa jistqarr li ħadd m'għandu jaqta' qalbu u wieħed dejjem jista' jsib ix-xorti xi mkien ieħor.






## 43. **Joseph Aquilina**

*Maltese-English Dictionary* (2 volumi - 1987, 1990)

Fl-1987 ħareġ l-ewwel volum tad-dizzjunarju kapulavur tal-Prof. Aquilina li għadna nqisuh l-aqwa wieħed bi lsienna sal-lum. Huwa dizzjunarju mill-Malti għall-Ingliż u fih żewġ volumi. Fih Aquilina jfisser kull kelma bit-tagħrif meħtieġ, l-etimoloġija (minn fejn ġejja) u l-funzjoni grammatikali tagħha.



**Għaliex?**

***Jedd l-Ilsien Malti***

**Għaliex tarmih l-ilsien li tatek ommok,**
**U titlef għaqlek wara lsien barrani?**
**Maltija kienet l-ewwel kelma f'fommok,**
**U bil-Malti tkellimt tifel daħkani.**

**U kiber miegħek dak l-ilsien ewlieni,**
**U ġmielu ntiseġ mal-ġrajjiet ta' ħajtek:**
**Bih fissirt qalbek meta sfajtli hieni,**
**Bih fissirt għommtok meta mbikki rajtek.**

**Għaliex immela tiċħad, Malti ħija,**
**Lil dan l-ilsien li bih int Malti sewwa?**
**Ħobb, jekk jiswewlek, l-ilsna barranija,**
**Iżda le tbarri lil min hu ta' ġewwa.**

*Dun Karm*

tal-imħabba żagħżugħa bejn iben barunessa u tfajla bidwija. Fi żminijiet meta kienu jispikkaw ħafna d-differenzi bejn il-klassijiet soċjali, din l-imħabba sabet ħafna ostakli.

**41. Ġużè Ellul Mercer** - *Leli ta' Ħaż-Żgħir* (1938)

Dan huwa l-ewwel rumanz psikoloġiku fil-letteratura Maltija u jitqies bħala l-kapulavur letterarju ta' Ellul Mercer. Leli huwa l-karattru ewlieni tal-ktieb li jispiċċa dejjem aktar imwarrab u maqtugħ mill-kotra aktar ma jemanċipa ruħu u jiftaħ moħħu. Dan għaliex f'Ħaż-Żgħir il-ħajja tibqa' sejra mingħajr ħadd ma jaħseb jew jirrifletti. In-nies, f'din id-dalma intellettwali ta' Ħaż-Żgħir, ma jifhmuhx lil Leli u jgħadduh b'sempliċi u miġnun. Ir-rumanz ta' Ellul Mercer jista' jitqies ukoll bħala kritika lis-soċjetà Maltija ta' qabel it-Tieni Gwerra Dinjija.



**42. Pietru Pawl Saydon** - *Il-Bibbja* (ippubblikata mis-Soċjetà tal-MUSEUM) - 1977, 1982, 1990

L-akbar kontribut li ta Saydon għall-Malti kien it-traduzzjoni tal-Bibbja mill-oriġinal (il-Lhudi, l-Aramajk u l-Grieg) għall-Malti. Dan seta' jagħmlu għax kien studjuż kbir tal-ilsna Semitiċi. Dam tletin sena sħaħ, mill-1929 sal-1959, jaħdem fuq din it-traduzzjoni. Il-membri tas-Soċjetà tal-MUSEUM apprezzaw dan ix-xogħol monumentali u uniku fil-Malti u ppubblikawh fi tliet volumi bejn l-1977 u l-1990.








### *Il-Kantilena – Pietru Caxaro*

*Xidew il-qada, ja ġireni, tale nħadditkom,*
*Ma nsab fil-weri u la nsab f'għomorkom*
*Qalb m'għandha ħakem, sultan u le mula*
*Bir imgħammiq irmietni, b'turġien muħsula,*
*Fejn, ħajran għall-għarqa, ninżel f'tiraġ minżeli*
*Nitla' u narġa' ninżel dejjem f'baħar il-għali.*
*Waqgħet hi, imrammti, l'ili żmien nibni,*
*Ma ħtatlix mgħallmin, 'mma qatagħli tafal merħi;*
*Fejn tmajt insib il-ġebel sibt tafal merħi;*
*Waqgħet hi, imrammti.*
*Waqgħet hi, imrammti; niżżlet hi s-sisien;*
*Ma ħtatlix l-imgħallmin, 'mma qatgħetli l-ġebel;*
*Fejn tmajt insib il-ġebel sibt tafal merħi*
*Waqgħet hi, mrammti, l'ili żmien nibni.*
*U hekk waqgħet hi, imrammti! U erġa' ibniha!*
*Biddillha inti l-imkien illi jewtiha.*
*Min ibiddel l-imkien ibiddel il-vintura;*
*Għaliex l-iradi għal kull xiber sura:*
*Hemm art bajda, u hemm art sewda u ħamra.*
*Aktar minn hedawn hemm trid minnha tmarra.*



## 2. Hieronymus Megiser - *Propugnaculum Europae* (1610)



Din hi x'aktarx l-eqdem lista ta' kliem bil-Malti ppubblikata. Hieronymus Megiser kien vjaġġatur Ġermaniz li meta żar Malta fl-1588 tant interessah l-ilsien Malti li ddedika ktejjeb għalih waħdu u fih ħallielna lista ta' 121 kelma bil-pronunzja kif ħassha hu. Il-ktejjeb li fih dehret il-lista ħareġ għall-ewwel darba fl-1606. L-edizzjoni għall-wiri hija tal-1610.



Insul Malta gebreuch-
lich.

| | |
|---|---|
| Alla | Gott. |
| Semma | Himmel. |
| Digna | Welt. |
| Razal | Mann. |
| Mara | Weib. |
| Ebni | Sohn. |
| Schems | Jüngling. |
| Schiech | Alt. |
| Rani | Reich. |
| Euchir | Arm. |
| Sabec | Schön. |
| Ecre | Heßlich. |
| Guir | Groß. |

B 5 Sche-

## 3. Giovanni Francesco Bonamico

*Mejju Ġie bil-Ward u ż-Żahar* (c. 1672)



Għal ħafna snin din kienet meqjusa bħala l-eqdem poeżija bil-Malti. G.F. Bonamico kien it-tabib tal-flotta tal-Ordni ta' San Ġwann. Waslet għandna bis-saħħa ta' De Soldanis li kitibha fit-tieni grammatika tiegħu. Hija poeżija ta' tifħir għall-Gran Mastru Cottoner li kien ġab ċertu progress soċjali f'pajjiżna.



## 38. Antonio Cremona

*Mikiel Anton Vassalli u Żminijietu* (1937)




Cremona kiteb diversi bijografiji ta' Maltin magħrufa. L-ewwel waħda li kiteb kienet *Mikiel Anton Vassalli u Żminijietu*. Fiha jiddeskrivi l-ħajja ta' Vassalli b'ħafna dettalji ta' dokumenti li biex sabhom ħtieġlu jagħmel ħafna tiftix u riċerka. Din il-bijografija dehret għall-ewwel darba fir-rivista *Il-Malti* bejn l-1932 u l-1937.

## 39. Dun Karm Psaila - *Il-Jien u Lil Hinn Minnu* (1938)




Meqjus bħala x-xogħol letterarju ewlieni tal-poeta nazzjonali. Hija poeżija twila ħafna (poema) u fiha Dun Karm jistaqsi l-aktar mistoqsijiet diffiċli u kbar tal-ħajja. Maħkum mis-solitudni jistaqsi kontinwament: Għaliex qed jgħix? Għaliex il-bniedem ibati? Għaliex il-mewt? Għaliex Alla hu sieket? u aktar mistoqsijiet diffiċli. It-tweġiba għal dawn id-domandi jsibha biss fil-fidi.

## 40. Ġużè Aquilina - *Taħt Tliet Saltniet* (1938)




Fl-1935 kienet saret kompetizzjoni ta' rumanzi bil-Malti organizzata mill-gvern. Il-konkors kien rebħu l-awtur żagħżugħ Ġużè Aquilina b'*Taħt Tliet Saltniet*, li wara kien ippubblikat fl-1938. Fir-rumanz Aquilina uża l-ortografija tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti. L-istorja hija ambjentata fi żmien il-Kavallieri, il-Franċiżi u l-Ingliżi u fiha rakkont

### 35. Dun Karm Psaila - *L-Oqbra* (1936)




*L-Oqbra* hija traduzzjoni tal-poeżija Taljana *I Sepolcri* ta' Ugo Foscolo. Dun Karm kitibha biex juri li bi lsienna tista' tesprimi ħsibijiet raffinati u profondi. Ried juri wkoll li l-Malti, jekk imħaddem tajjeb, huwa lsien qawwi u espressiv. Għalhekk Dun Karm qabad waħda mill-isbaħ poeżiji bit-Taljan u qalibha b'Malti tajjeb u mirqum. Dun Karm stess ħass li din it-traduzzjoni kienet sfida għalih biex juri l-ħila tiegħu ta' poeta u ta' kittieb u jqisha bħala waħda miż-żewġ xogħlijiet ewlenin tiegħu.

### 36. Antonio Cremona - *Il-Fidwa tal-Bdiewa* (1936)




Dan id-dramm huwa meqjus bħala x-xogħol letterarju ewlieni ta' Cremona. Id-dramm huwa miktub bil-vers tal-ħdax fuq it-tifsila tad-dramm Klassiku Grieg. Il-qofol tal-ġrajja huwa l-ħelsien tal-Maltin minn taħt il-qilla u l-jasar ta' Gonsalvo Monroy fis-seklu ħmistax.

### 37. Ġużè Aquilina / Pietru Pawl Saydon

*Ward ta' Qari Malti* (1936)






Din kienet l-ewwel antoloġija (ġabra ta' poeżiji u siltiet ta' proża) rappreżentattiva u miġbura b'ċertu ordni tal-letteratura Maltija. It-tieni volum tagħha ħareġ is-sena ta' wara, filwaqt li t-tielet volum ħareġ fl-1940.



### 4. Ġan Piet Franġisk Agius De Soldanis

*Della Lingua Punica* (1750)



De Soldanis stampa din il-grammatika f'Ruma fl-1750. Stampaha bit-Taljan, ilsien magħruf fost il-kavallieri u mal-ftit Maltin li kienu jafu jiktbu u jaqraw. Il-grammatika biegħet tajjeb Malta u Ruma. Fiha, fost oħrajn, xi espressjonijiet li jintużaw ta' kuljum u tnejn mill-għaxar djalogi li għalihom hu magħruf De Soldanis.

## *Dan li ġej huwa djalogu li De Soldanis ippubblika fil-grammatika tal-1750.*



Complimento comune de' Maltesi.

Sahha i signuria tighaq, *salute a te signore.*
Merhhba biq, *sia il ben venuto.*
Oqghot, *si posa.*
Haun i siggiu, *ecco la sedia.*
Sceminneq, *come la passa di salute.*
Qif tghaddi, *come va?*
Taiep *bene.*
Gebc sctahhdem, *ai portato lavori.*
Gebt, *ho portato.*
Achdem, *lavori.*
Sçin ghad barra, *cosa si dice fuori.*

Garaſc ſci ghaga, *accadde niente?*
Scein manaf men gdid, *nulla di nuovo, ch' io ſappia.*
Muſc ta ftit! *non è di poco!*
Ghidli o ſcbini, *ovvero*, o ſcbent, *ovvero*, ochti, *ditemi*, o *Compare, ovvero* o *Commare, ovvero cara mia* (a).
Ghala ma gebc e tfal mighaq! *Perchè non ai portato i figli con te!*
Ghandom ſciaghmlu, *ſono acaſa affaticati.*
Darbohhra en gibhom, *un altra volta me'l condurrò.*
U mieſc qauiin, *ſtanno forti*, cioè *bene di ſalute.*
Nizu chair l' Alla, *ringraziam Idio.*
Achbar taiba mela taitni, *m' ai dato buona nuova.*
Ghidli ionqſoqſc ſci ghaga, *ti manca qualche coſa!*
Le, nizu chair l' Alla, *non ſia ringraziato Idio.*
Seira? *tene vai?*
Meta targia! *quando ritornarai!*
Ftit neddauàr, *poco ritardarò.*
Iſſa narraù, *or vedremo.*

COM-

(a) In tal complimento *ochti*, ha la forza di *mia cara*, e *mio caro*: *chin*.



## L-Għaqda tal-Malti (Università)




Din l-Għaqda taf il-bidu tagħha lil żewġ studenti tal-Mediċina, Rużar Briffa u Ġużè Bonnici. Huma kienu ħbieb kbar u kienu jgħaddu ħafna ħin jitħaddtu fuq il-kotba u l-letteratura u jistudjaw. Huma xtaqu li titwaqqaf għaqda letterarja universitarja tal-Malti u fid-19 ta' Jannar 1931, Rużar Briffa talab lir-Rettur biex issir l-ewwel laqgħa. Din saret fis-26 ta' Jannar, fl-Università, u għaliha kien hemm preżenti 21 student. Rużar Briffa nħatar l-ewwel President u Ġużè Bonnici kien l-ewwel Segretarju. Bħala kaxxier inħatar Anthony J. Mamo, filwaqt li Anton Buttigieg, Walter L. Fava u Kelinu Sammut kienu l-membri l-oħra tal-ewwel kumitat.

## 34. *Leħen il-Malti*

*Ir-rivista tal-Għaqda tal-Malti – Università* (1931)




F'Marzu tal-1931 ħareġ l-ewwel għadd ta' *Leħen il-Malti*, ir-rivista tal-Għaqda, bil-kitbiet ta' Rużar Briffa, Temi Zammit, Anton Buttigieg u Ġużè Aquilina, fost oħrajn. Tant intlaqgħet tajjeb li kellhom jistampawha mill-ġdid. Din ir-rivista għadha toħroġ sal-lum.

## 32. E.B.Vella - *Ġabra ta' Ward* (1930)



Emanuel Benjamin (E.B.) Vella twieled il-Mosta, fl-1898. Ta' 23 sena temm kors fl-Ingilterra u meta ġie lura Malta kellu f'idejh numru ta' skejjel elementari (illum insejħulhom skejjel primarji). Wara laħaq Spettur tal-Iskejjel u fost id-dmirijiet tiegħu kellu li jara kif kienu qegħdin jiġu mgħallma għadd ta' suġġetti, fosthom il-Malti. Vella kien membru tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti u stampa għadd ta' pubblikazzjonijiet bi lsienna. Fis-snin 30 tas-seklu l-ieħor, bl-għajnuna ta' Ġorġ Pisani, ippubblika s-sensiela ta' qari *Ġabra ta' Ward*, li għal snin twal intużat fl-iskejjel primarji.


ĠABRA TA' WARD
Minn
E. B. VELLA
Bl-istampi ta'
R. CARUANA DINGLI
L-EWWEL KTIEB
OXFORD UNIVERSITY PRESS

## 33. Juann Mamo

*Ulied in-Nanna Venut fl-Amerika* (1930)




Mamo ma kitibx dan ir-rumanz soċjali biex ifaħħar lill-Maltin, kif għamlu awturi oħra tar-rumanzi storiċi qablu. L-għan tiegħu kien li juri f'liema stat kienu qegħdin jgħixu l-Maltin u xtaq li huma jemanċipaw ruħhom. Huwa rumanz satiriku-deskrittiv, li fih tispikka l-injoranza ta' għadd ta' Maltin li emigraw lejn l-Amerka. F'dan ir-rumanz Mamo jikkritika lill-kotra li tibqa' injoranta u mhux emanċipata u fl-istess ħin jixli bil-qawwa lil dawk li, għax jaqblilhom, iżommu lill-kotra taħthom. Permezz ta' dan ir-rumanz Mamo jrid li l-folla tħares lejha nnifisha biex forsi tintebaħ kemm dawk ta' fuq qed jgħadduha biż-żmien u jżommuha hemm isfel.





## 5. Ġan Piet Franġisk Agius De Soldanis

*Apoftegmi e Proverbi Maltesi* (c. 1750)

Din il-ġabra fiha 387 qawl. De Soldanis kien l-ewwel studjuż li ħaseb li ta' min jiġbor dawn is-sentenzi qosra mimlijin għerf li missirijietna sawru mal-milja tas-snin u li baqgħu jintirtu bil-fomm.


TAĠHLIM
NISRANI
DON FRANCISCU WZZINU
F. PAULU ALPHERAN
DI BUSSAN
F. RUMA, MDCCLII.

## 6. Dun Franġisk Wizzino

*It-Tagħlim Nisrani* (1752)

Probabbilment dan kien l-ewwel ktieb reliġjuż miktub bil-Malti għall-Maltin. Huwa miktub kemm bil-Malti kif ukoll bit-Taljan. Ġie ppubblikat f'Ruma fl-1752. Skont il-Monsinjur Lawrenz Cachia, dan kien l-ewwel ktieb stampat li kien fih test bil-Malti u għaldaqstant għandu ċertu valur lingwistiku.

## 7. Ġan Piet Franġisk Agius De Soldanis - *Damma ta' Kliem Kartaġiniż Imxerred fil-Fomm tal-Maltin u l-Għawdxin* (mibdi c. 1750 - mitmum c. 1766)



Id-dizzjunarju hu l-akbar biċċa xogħol ta' De Soldanis fuq il-Malti. Dam jiktbu madwar 16-il sena. Fih erba' volumi li għadhom manuskritti. L-ewwel volum hu Malti-Taljan-Latin, it-tieni u t-tielet volum Taljan-Latin-Malti u r-raba' volum

Latin-Taljan-Malti. Tajjeb ngħidu li l-ewwel volum se jkun ippubblikat għall-ewwel darba din is-sena, madwar 250 sena wara li nkiteb. Interessanti ninnutaw li f'dan id-dizzjunarju l-kliem hu mfisser b'ħafna dettall u tagħrif li aktar nistgħu nqisuh folkloristiku milli lingwistiku.

## 8. Dun Feliċ Demarco - *Żwieġ la Maltija* (1760)

*Żwieġ la Maltija* hi l-ewwel qarċilla li nafu biha miktuba għall-karnival tal-1760. Il-qarċilla hi divertiment popolari fil-forma ta' farsa versifikata (forma ta' poeżija) u sal-bidu tas-seklu 20 kienet għadha popolari fil-Belt kif ukoll f'xi rħula.







CHIDBA TAZ-ZUIEG
TA
GREZIA U MINCU
STENDUTA MIN-NUTAR
PANCRAZIO MAGARRO
Fl'erbgha ta Marzu fis-sena 1889.

NUTAR. Illum hia il giurnata tal carnival...
Cull-hatt jixxala, u jen katt m'jen battal !...
Min idokk...Min ighanni...
Min jisfen... Min jixxala...
U jen hau kighed, kalb hafna rahhala...
Ghalija ma emx festi... Ankas divertiment ;
Phal il-lum stess, sghatei ilu.
Cont kighed naghamel, testment...
Testment chien, ta uahda seira tmut...
Domt nichteb sigha scarsa,
Biex xhett lira geuna il but !
Spicciajt mit-testment, gibuni hau ;
Jena inhambak, u intom tixxalau...
Taiba din... Seuua dina ;
Povru nutar ta giò Limdina...
Mincu. Cos kighed ingheid, sur nutar :—
Ghandech ftit u xei mil hmar !
Xei ma tokghod tkisu int id-discors ;
Inti maghana, min giebech bil fors?...
Nutari phalech, insibu bosta......






## 30. Antonio Cremona

*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* (1924)



L-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti kienet ħatret kummissjoni biex tfassal alfabett wieħed li jintuża minn kulħadd. Din il-kummissjoni kienet magħmula minn Ġużè Muscat Azzopardi, Ninu Cremona u Dun Karm Psaila, fost l-oħrajn. F'laqgħa li saret fit-18 ta' Diċembru 1821, l-alfabett kien approvat b'xi tibdil żgħir. Wara li l-alfabett kien approvat, Ninu Cremona beda l-ħidma tiegħu fuq ir-regoli tal-kitba u tal-grammatika Maltija. Dan il-ktieb, *Tagħrif fuq il-Kitba Maltija*, kien stampat mill-gvern fl-1924 u sar il-Manwal Uffiċjali tal-Għaqda. Bis-saħħa tiegħu spiċċat darba għal dejjem il-konfużjoni li kien hawn fil-kitba bil-Malti u tfassal alfabett wieħed u uniformi li għadu validu sal-lum.






## 31. *Il-Malti*

Ir-rivista tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti (1925)

*Il-Malti* kienet ir-rivista uffiċjali tal-Għaqda u bdiet toħroġ fl-1925. L-editur tagħha kien Ġużè Muscat Azzopardi. L-għan tar-rivista, li kienet toħroġ kull tliet xhur, kien li 'ixxerred dejjem iżjed il-qari tajjeb bil-Malti' u naturalment b'alfabett wieħed...dak tal-Għaqda. Disgħin sena wara *Il-Malti* għadu joħroġ mill-Akkademja tal-Malti.



## L-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti




Franġisk Saver Caruana kien żagħżugħ ta' 21 sena li kien jaqra regolarment il-ġurnal *Il-Ħabib* u jitgħaxxaq bil-ħlewwa ta' kitbiet tajbin bħal dawk ta' Dun Karm. Madanakollu huwa osserva li ma kienx hemm qbil dwar l-alfabett u punti oħra tal-kitba bil-Malti. Għalhekk f'ittra li kiteb lill-istess ġurnal fil-21 ta' Settembru 1920, għamel sejħa biex titwaqqaf għaqda li tħares l-ortografija tal-Malti. Fl-istess waqt beda jħeġġeġ għadd ta' kittieba tal-Malti sabiex jingħaqdu flimkien. Din is-sejħa kellha rispons pożittiv, tant li fl-14 ta' Novembru 1920 sitta u tletin kittieb iltaqgħu fl-*Unione Cattolica San Giuseppe*, il-Belt Valletta, u waqqfu għaqda b'dawn l-għanijiet:

1. li ssawwar alfabett Malti fuq sisien xjentifiċi
2. li tiġbor il-kittieba fi ħdanha; u
3. li tnissel letteratura.

Dakinhar dawk preżenti għażlu lil Ġużè Muscat Azzopardi bħala President u lil Franġisk Saver Caruana bħala Segretarju, imma l-għaqda kien għad m'għandhiex statut u kumitat. Meta nħatar l-ewwel kumitat fil-Laqgħa Ġenerali tas-7 ta' Mejju 1922, Muscat Azzopardi u Caruana żammew il-karigi tagħhom u l-isem uffiċjali sar *L-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*. Fil-karigi l-oħrajn inħatru l-Prof. Temi Zammit bħala President Onorarju, Mons. Pawlu Galea bħala Viċi President, Arturo Mifsud bħala Kaxxier u, fost oħrajn, lil Dun Karm Psaila u Ninu Cremona bħala membri. Dakinhar ġie approvat l-ewwel statut, fejn l-għanijiet ġew imfissra bħala:




1. Il-kittieba jimxu fuq l-istess alfabett, ortografija u regoli grammatikali.
2. Il-ħarsien tad-drittijiet tal-ilsien Malti fil-ħajja Maltija.
3. It-tixrid ta' kitba u kotba li jinkitbu b'Malti tajjeb u li ma jagħmlux ħsara lir-Reliġjon Kattolika.

**A.D. Casha & J. Camilleri, Teżi B.Ed. (Bl-Unuri) Mejju 2000.**
**www.akkademjatalmalti.com**



Wieħed raġel kien jilbes kostum ta' nutar u fuq il-lemin u x-xellug tiegħu jkollu l-għarus u l-għarusa. In-nutar kien jieqaf fil-kantunieri biex jaqra lilhom u lill-udjenza l-kuntratt taż-żwieġ, kitba mqabbla mimlija bluhat, ċajt u doppju sens. L-udjenza kienet togħxa tismagħha anke għax f'xi waqtiet il-kliem użat iniġġeż u ma jkunx għal widnejn kulħadd. Bis-saħħa ta' *Heritage Malta*, l-Akkademja tal-Malti u Trevor Zahra, fl-2014 il-qarċilla reġgħet ħadet il-ħajja fil-Belt Valletta.

## 9. Mikiel Anton Vassalli



*Ktieb il-Kliem Malti* – il-*Lexicon* (1796)

*Ktieb il-Kliem Malti* (jew il-*Lexicon*) huwa l-ewwel dizzjunarju stampat bil-Malti. Kull studjuż jew lingwista li ppjana u fassal xi kitba għal-lingwa tiegħu dejjem ħaseb f'dizzjunarju u fi grammatika. Vassalli kellu preparazzjoni tajba għal dan id-dizzjunarju għax kien studja l-Għarbi f'Malta u diversi lingwi Semitiċi f'Ruma u għaldaqstant mar fl-għeruq tal-lingwa Maltija. Il-*Lexicon* għandu żewġ għanijiet: li jiġbor il-kliem Malti ta' żmienu (madwar 18,000 kelma) u li permezz tad-*Discorso Preliminare* jwassal il-ħolma, il-proġett-messaġġ lin-nazzjon Malti.






## 10. **Francesco Vella** - *Ktieb il-Qari* (1824)

Probabbilment dan huwa l-ewwel ktieb stampat kollu bil-Malti. Fih 48 paġna. Wara l-ispjega tal-alfabett insibu eżerċizzji fil-qari ta' dan l-alfabett, xi ħrejjef morali, in-numri bil-Malti, tagħlim dwar id-dmirijiet tal-bniedem, kitba fuq il-Ġeografija, lista' ta' dati importanti, kitba fuq l-inċident li kien ġara fil-Karnival tal-1823 u, fl-aħħar, ftit mudelli ta' ittri bil-Malti.

Francesco Vella (1793-1868) huwa wieħed mill-pijunieri li mexxew 'il quddiem il-lingwa Maltija u ħadem bħala grammatiku, lessikografu, alfabetarju u kittieb ta' kotba għat-tfal. Vella kien il-pont bejn Mikiel Anton Vassalli, li twieled fl-1764, u Ġan Anton Vassallo, li twieled wara Vella fl-1817. Ix-xogħol ta' Vella fil-qasam tal-lingwa, tal-grammatika u l-alfabett kien il-ħolqa bejn il-lingwist Vassalli u l-poeta Vassallo. Il-fatt li Malta hija l-unika gżira fil-baħar Mediterran li għandha l-lingwa nazzjonali tagħha huwa dovut għal studjużi bħal Vella, Vassalli u Vassallo. Filwaqt li s-sehem li kellhom dawn tal-aħħar fl-iżvilupp tal-Malti huwa xi ftit jew wisq magħruf, ftit jafu kemm ħadem Vella f'dan il-qasam.


CHTIEB-ILKARI
YAU DAHLA
ƸAL ILSIEN MALTI
LIGORNI
1824.



## 29. **Ġużè Muscat Azzopardi**

*L-Evanġelju Mqaddes - San Mattew* (1895/1914)



Qabel Muscat Azzopardi kien hawn oħrajn (Ġużeppi Martin Cannolo u Mikiel Anton Vassalli) li qalbu l-Vanġeli għall-Malti. Iżda minħabba li dawn kienu magħmulin għall-Protestanti (li ħallsu lit-tradutturi u l-ispejjeż tal-pubblikazzjonijiet) sabu ħafna tfixkil u kundanni. Fl-1895 Muscat Azzopardi, bil-kunsens tal-Isqof u bil-barka tal-Papa, qaleb għall-Malti l-Vanġelu ta' San Mattew.

Din it-traduzzjoni kienet milqugħa ħafna mill-Knisja Maltija u mill-qarrejja Maltin, tant li wara ħarġu traduzzjonijiet tat-tliet Vanġeli l-oħra. Il-kotba tal-Vanġeli tradotti minn Muscat Azzopardi biegħu tajjeb kemm Malta u kemm barra, tant li fl-1914 ħarġet it-tieni edizzjoni tal-Vanġelu ta' San Mattew.


L'EVANGELJU MKADDES
TA
Sidna Gesù Cristu
MICTUB MINN SAN MATTEŬ
BIT-TIFSIR TAL ISKOF MARTINI
IMLAKKA' MA TAL PATRI CURCI
u ta Ghorrief ohra
XOGHOL BIL MALTI
TA
G. MUSCAT-AZZOPARDI
L'EŬŬEL CTIEB
(mahruġ it-tieni darba, mseŭŭi u miżjud fit-tifsir)
ANDOLFO & MAGRO EDITURI
MALTA
STAMPERIJA TA "ANDOLFO & MAGRO," STRADA FORNI, 167, IL-BELT.
1914.




fl-iżvilupp tal-Malti. Dan għaliex hu kien jikteb storja sempliċi li setgħu jifhmuha wkoll dawk li ma tantx kellhom kultura għolja. Il-kotba tiegħu kienu jintgħoġbu wkoll minn dawk li ma kellhomx wisq tagħlim u mill-illitterati għax kienu jinġabru madwar persuna li taqralhom.

## 27. *Il-Ħabib* - ġurnal (1912)

Ġurnal bil-Malti li kien joħroġ kull nhar ta' Ħamis, bl-ewwel ħarġa tkun fl-1 ta' Frar, 1912. L-editur tiegħu kien Ġużè Muscat Azzopardi. Il-ġurnal kien "imżewwaq b'kull xorta ta' dawl, ta' tagħlim, ta' aħbarijiet u ta' mogħdija taż-żmien: imma dejjem Nisrani u ħabib tal-qalb". Fl-ewwel ħarġa tiegħu dehret l-ewwel poeżija li kiteb Dun Karm bil-Malti, *Quddiem Xbieha tal-Madonna.*


Kuddiem Xbieħa tal Madonna

Hecc cont sabiħa meta rajtec darba
F'ħolma, fil hena taż-żghurija tieghi:
Cont rieked ŭaħdi f'sodda ċhejcna, mŭarrba,
U Int mis-sema inżilt u kaghdt ftit mieghi.

Sbiħ il jum, ghjeb ix-xemx, flimchien imxierca,
M'ghandhomx leŭn ħelu bħal ŭardiet ħaddejc:
Tisbok cull dija tas-smeŭŭiet, o imbierca,
Il leħħa irżina minn ta ħbub ghajnejc.

Ŭarda li tbexxak fiż-żernik ta Mejju
Tixbaħ id-daħca ta xuftejc, Ħanina,
Fil ħin li mieghec tħaddan, tfajjel ħlejju,
Il cbir Feddej, li bata u miet ghalina.

Ghajnejħ micsura f'naghsa ħiemda, iserraħ
Gesù fuk sidrec ir-ras tieghu żghira,
Minn kalbu ghal kalbec gid is-sema iferraħ....
Ma dŭarec l'anġli b'kima iħarsu u b'ghira.

Imbierca l'id illi pingietec! Dija
Serket lill cŭiecheb, ġmiel lil ŭard tal ġonna,
U biħ libbsitec, o b'cull ħajr mimlija,
Sultana tas-smeŭŭiet, ħelŭa Madonna.

Hecc cont sabiħa, jen niftacar seŭŭa,
Meta fil ħolma ta żghuriti ilmaħtec:
T'ghajnejc, ta fommoc chienet din il ħleŭŭa:
U jen f'imħabbti bl'isem t'Omm sejjaħtec.

PROF: DUN CARM PSAILA.

11 - I - 12.




## 28. *Kotba tal-Mogħdija taż-Żmien Nru 140* (1914)

Wara *Quddiem Xbieha tal-Madonna* Dun Karm kompla jikteb poeżiji bil-Malti li wħud minnhom dehru wkoll fil-ġurnal *Il-Ħabib.*



Fis-sena 1914 is-Sur Alfons Marija Galea, li kien joħroġ is-sensiela *Kotba tal-Mogħdija taż-Żmien,* lil Dun Karm ippubblikalu ħmistax-il poeżija. Il-ktejjeb kien jismu *L-Ewwel Ward jew Ġemgħa ta' Poeżijiet li Ktibt bil-Malti.*






## 11. Mikiel Anton Vassalli

*Grammatica della Lingua Maltese* (1827)

Din hi t-tieni grammatika ta' Vassalli u kienet aktar aċċessibbli għall-pubbliku għax stampaha bit-Taljan (l-ewwel waħda, dik tal-1791 kien kitibha bil-Latin). F'din l-edizzjoni tal-1827 żied xi affarijiet żgħar (bħal ngħidu aħna d-differenza bejn il-farrad waħdieni, il-kollettiv u l-plural magħdud). Il-Monsinjur Lawrenz Cachia, studjuż tal-Malti, iqis lill-ewwel grammatika bħala superjuri għat-tieni waħda.




## 12. Mikiel Anton Vassalli

*Motti, Aforismi e Proverbii Maltesi* (1828)




Vassalli kien ilu sa minn żgħożitu jiġbor dawn il-qwiel. Fil-qwiel Vassalli jara l-mod ta' kif il-Maltin jaħsbu, fihom jara l-valuri morali ta' missirijietna u li hu jsostni li ntilfu mas-snin u s-sekli. Vassalli jħares lejn l-imgħoddi bħala xi ħaġa qadima u pura. Għal Vassalli l-qwiel huma l-esperjenza ta' ħafna snin li tinġabar fi ftit kliem b'tixbiha fiżika.

## 13. Ludovik Mifsud Tommasi - *Il-Kurunelli* (1835)



Ludovik Mifsud Tommasi (1795-1879) kien qassis, edukatur u poeta. Beda jistampa l-kurunelli u talb ieħor bil-Malti mis-sena 1835 'il quddiem. Il-kurunelli kienu talbiet miktuba forma ta' poeżija, maħsubin bħala tifħir lil xi qaddis u kienu jitqassmu f'fuljetti fil-festi. Kien jistampa bejn 500 u 700 kopja, iħallas għalihom minn butu u jqassamhom, aktarx b'xejn, lid-devoti. Ħadd daqsu ma niseġ tifħir tista' tgħid lill-qaddisin kollha meqjumin hawn Malta.

### Il-Libertà tal-Istampa

Sal-1839 ħadd ma seta' jistampa jew ixandar xejn fil-gżejjer Maltin mingħajr il-permess tal-awtoritajiet ċivili. Dan kien ifisser li f'Malta ma kienx hawn stamperiji u gazzetti li setgħu joħorġu. Il-libertà tal-istampa tal-1939 ġabet avvanzi kbar fid-drittijiet ċivili tal-Maltin għax issa bdew joħorġu għadd imdaqqas ta' gazzetti, l-aktar bit-Taljan u xi oħrajn bl-Ingliż. Ftit wara bdew jidhru wkoll xi ġurnali bil-Malti li setgħu jilħqu lin-nies komuni. Dan minkejja li l-Malti kien għad m'għandux ortografija waħda u uniformi u ftit li xejn kien jiġi studjat. Ħafna minn dawn il-gazzetti kellhom tema satirika-umoristika. Dawn il-ġurnali kellhom sehem importanti fl-iżvilupp tal-lingwa u tal-qari bil-Malti.



jispjega li "għalkemm jiena mwieled Malta, iżda kont għadni żgħir meta sifirt biex nagħmel l-istudji tiegħi fl-esteru u wieħed jista' jissoponi illi f'pajjiż fejn ħadd jew kważi ħadd ma jitkellem l-ilsien Malti huwa wisq faċli illi wieħed jispiċċa jinsieh. Però jiena ma nsejtx għalkollox il-lingwa Maltija u meta tliet snin ilu erġajt ġejt ġo din il-gżira kont għadni nista' nitkellem tajjeb jew ħażin."

## 25. Anton Manwel Caruana - *Ineż Farruġ* (1889)



Wieħed mir-rumanzi storiċi-romantiċi ewlenin bil-Malti. Inkiteb fl-1889 u jirrakkonta ġrajja Maltija fis-seklu ħmistax. Il-protagonista hija Ineż, tfajla li tinsteraq minn Malta. Bis-serqa jeħel Ġużeppi, l-għarus tagħha. Kellu jkun ħabibu Wenzu, li jisma' lsir jitkellem u wara ħafna taqlib u avventuri jsib lil Ineż. Għal Caruana l-aktar importanti huja l-ġrajja li jgħaddu minnha l-imsejkna Ineż u Ġużeppi, mhux li jgħallem l-Istorja ta' pajjiżu.

## 26. Ġużè Muscat Azzopardi - *Nazju Ellul* (1909)



Muscat Azzopardi spikka bħala rumanzier. *Nazju Ellul* huwa l-aħħar wieħed mir-rumanzi storiċi tiegħu u nkiteb fl-1909. Dawn ir-rumanzi huma ambjentati f'xi perjodu storiku u mżewqin bl-immaġinazzjon tal-awtur jew b'xi ġrajja ta' mħabba. *Nazju Ellul* hija ġrajja li seħħet f'Malta fi żmien il-Franċiżi. L-għan ewlieni ta' Muscat Azzopardi f'*Nazju Ellul* hu li jgħallem l-Istorja bi ftit gost. Ir-rumanzi tiegħu kienu importanti ħafna

## 22. Ġan Anton Vassallo

*Poesie Maltesi ad Uso delle Scuole Primarie* (1853)

L-għan ta' din il-ġabra kien li tgħin lit-tfal jipperfezzjonaw fil-qari bil-Malti u fl-istess ħin tiġbidhom aktar lejn ilsien art twelidhom. F'din il-ġabra dehret għall-ewwel darba *Il-Ġifen Tork* - poema erojka li tirrakkonta l-ġrajja ta' sittin ilsir Malti Nisrani li ma' oħrajn barranin jaħtfu ġifen Tork u jsalpaw lejn Malta. Mal-wasla tagħhom jagħmlu pellegrinaġġ lejn il-Mellieħa biex jirringrazzjaw lill-Madonna. L-epika tinbena b'116-il sestina (il-versi kważi kollha huma endekasillabi) u Vassallo jagħżel il-kelma bi ħsieb u jikteb Malti safi u mirqum.




## 23. Ġan Anton Vassallo

*Ħrejjef u Ċajt bil-Malti* (1863)

Vassallo jinqeda bil-poeżija biex joħloq aspetti morali u jgħallem. Il-poeżija tiegħu forma ta' ħrafa li xi drabi l-protagonisti tagħha huma annimali ppersonifikati u li minnha nieħdu tagħlima li tiswielna tul ħajjitna.



HREIJEF

Għandu iħalli xi tagħlima
Dat-taħrif u ciait li gei;
Jech ma igħallem ebda ħagia,
Aħiar uisk ma ctibniħ xei.

M'ux għax aħna għandna f'rasna
Li seirin ingħalmu bosta;
Ma xi ħagia. Dac li jicteb
U ma igħallem, tmissu 'l frosta.

## 24. Giuseppe Folliero De Luna

*Elvira jew Imħabba ta' Tirann* (1863)

Dan huwa l-ewwel rumanz bil-Malti ppubblikat li nafu bih. Giuseppe Folliero De Luna kien Malti-Naplitan. Il-ktieb ma fihx data iżda probabbilment deher madwar l-1863. Fid-daħla l-awtur jiskuża ruħu għal-lingwaġġ Taljanizzat u






## 14. *L-Arlekkin jew Kawlata Ingliża u Maltija*

Wieħed mill-ewwel ġurnali Maltin (1838)

Tnejn mill-ewwel poeżiji stampati bil-Malti, *L-Imħabba u Fantasija* u *Sunett* dehru f'dan il-ġurnal.






## 15. ***Bertoldu*** - ġurnal (1839 – 1861)



Dan kien wieħed mill-ewwel ġurnali bil-Malti li bdew joħorġu wara l-għoti tal-libertà tal-istampa. Kien jieħu ħsiebu Dun Ġużepp Zammit, magħruf ukoll bħala 'Brighella', mill-isem tal-ġurnal bit-Taljan li kien joħroġ fl-istess żmien. Ħareġ fl-1839 u reġa' kien ippubblikat bejn Awwissu 1861 u Marzu 1862. Xi ħaġa li tispikka f'dawn il-gazzetti hija l-lingwa ħarxa li kienet tintuża.

## 16. ***Il Filologo Maltese*** - ġurnal (1841)

*Il Filologo Maltese* kien ġurnal maħruġ minn Dun Salvatore Cumbo ddedikat għall-istudju tal-Malti. F'ħarġa minn dawn ta' quddiemna juri n-nuqqasijiet tad-diversi alfabetti eżistenti u jisħaq fuq il-ħtieġa li jkun hawn alfabett wieħed biex il-Malti jinkiteb b'mod uniformi.

## 17. Ġan Anton Vassallo

*Għall-Kitarra* (1851)





TIFHIRA LIL MALTA.

Int sabiha, o Malta taghna!
M' ux ghax Malti infahhrech jen;
Issemmich id-dinja colla,
Maghruf g'mielech cullumchien.
Inti turi lil barrani
Tieba, ghana, g'miel u hleuua;
Donnu is-sema meta halkech
Kai—il hena irrid èm geuua.
Iva il gid tad-dinja colla
Jena fich, o Malta, nara;
U ghalech bil chliem, bil chitba,
Illi infahhrech ghandi 'l hrara.
Imghottìa bl' isbah sema,
L' oghna daul ix-xemx tatich,
Ma taharkech, isda issahhnech,
Gìd iggiblech u tkauuich.

Bħala l-ewwel poeta letterarju bil-Malti Vassallo għolla l-livell tal-poeżija Maltija fi żmien meta l-Malti kien imwarrab u injorat. Qies il-Malti bħala għodda għat-tagħlim u għall-gost letterarju. F'dan il-ktejjeb dehret il-poeżija *Tifħira lil Malta* li kienet titkanta bħala innu nazzjonali fl-ewwel nofs tas-seklu għoxrin.

## 18. Francesco Vella - *Dizionario Portatile* (1843)

Vella ħareġ dan id-dizzjunarju għax kien jemmen li mingħajr kotba tal-grammatika u dizzjunarji l-Malti miktub qatt ma seta' jimxi 'l quddiem. Fid-daħla Vella jistqarr li għan ewlieni li ħeġġu jikteb id-dizzjunarju kien li jintroduċi l-Malti miktub fl-iskejjel. Hu kien konvint li l-alfabett propost minnu, magħmul biss minn ittri Latini, kien se jsolvi darba għal dejjem il-kwistjoni tal-alfabett Malti.

## 19. Il-*Giaħan* - ġurnal (1846)



Richard Taylor (1818-1868) hu wieħed mill-kittieba ewlenin li lejn nofs is-seklu dsatax inqeda bil-libertà tal-istampa biex ixerred il-poeżija fost il-kotra. Il-qarrej issa seta' jara x'sura tieħu l-poeżija meta tkun stampata. Il-*Giaħan* kien il-bidu tat-triq ġurnalistika ta'





IXROB LIBSA GHAX LILECH STMAU!

No. 8. Nhar it-tnein 28 ta dicembru 1846

LI STRINA.

Is-sena it-tajba—Naticom jen,
Tliettijem seuua—Kabel iż-żmien.
Il Milied ghadda—Żmien il kaghkjet,
Jaħtieġ li naħsbu—Fx'erba ħabbiet;
Nieħdu caxxetta—Niġru fli Strina,
Min jitlob l'ommu—Min lil ħanina.
Jommi chem cxiexet—Tarau fil gżira,
Ta min hi ċchejchna—Ta min hi cbira,
Ta min hi ġdida—Ta min kadima,
Seuua ta l'armla—Seuua ta ltima,
Seu tal miżżeuġa—Seu tax-xbejbiet,
Basta jakelghu—X'erba ħabbiet.
Tara lil ghażeb—Għand il ħanina;
F'idu il caxxetta—Jatiha strina.
Jati il miżżeuueġ,—Lil martu ucoll,
Jati l'uliedu—Lis-servi il coll;
Jatu ir-rennanti—Lil corteggiani,
Jakilghu il fokra—Minn ghand il ghani;
Sa 'l campannioli—U il contadini,
U sa 'l madammi—U is-sinniurini;
L' intitulati—U tas-salarj,
Fkar u sinniuri—Sa l'ordinarj;
Min jati il liri—Min id-dobluni,
Min jati il gordi—Min frangiscuni;
Min jati libsa—Min xi dubliet,
Min xi cilindru—Min xi ciurchet;
Min lis-seftura—Jommi mischina,
Xi par i[illegible]elet—Jatiha strina!!
Hech ucoll G[illegible]han—Lil Cuncet tighu,
Fl'euuel tas-[illegible]na—Jitmaghha mighu.
Jommi jghidilha—Kalbi Cuncetta,
Halli nimlielech—Issa 'l caxxetta;
Addio addio—Ja ħbieb il coll,
Addio l'ahua—Eghdeuua ucoll;
Is-sena it-tajba—Nati 'l collhad,
Gid ni[illegible]ekilcom—Bla uhalli il had.
Is-sena it-tajba—Ja kassisin,
Lil l'avvocati—Lil l'imhalfin;
Lit-tobba collha—U lin-nutari,
Lin-nies tar-renta—Sa li spizziari;
Lin-negozianti—U lis-sensali,
Lin-nies il gharfa—U lin-nies bhali;
Is-sena it-tajba—Subien u bniet,
Miżżeuġa u romol—Għożżieb xbejbiet;
Is-sena it-tajba—Iva il collhad.
Di' x-xeuka taghna—Bla inhallu 'l had.
F'lahhar nixtiehu—Minn t'Alla il killa,
Tinżel u tgharrak—Lil cammarilla!

Taylor li wara kkontribwixxa f'ħames ġurnali oħra. Fil-*Giaħan* kont issib versi li jniggżu, versi patrijottiċi, versi sentimentali, ħrejjef tradotti u versi oħra li jixħtu dawl fuq id-drawwiet u l-ħajja soċjali ta' dak iż-żmien.

## 20. Luigi Rosato - *Katarina* (1847)




Luigi Rosato (1795-1872) hu magħruf l-aktar bħala drammaturgu (kittieb tal-palk). Rosato għandu importanza kbira f'dan il-qasam għax meta r-rappreżentazzjonijiet kienu jsiru kollha bit-Taljan jew bl-Ingliż hu kien l-ewwel wieħed li uża l-Malti. Fl-1847, kiteb id-dramm poetiku *Katarina,* li huwa l-ewwel xogħol teatrali oriġinali bil-Malti li nafu bih. Dan hu dramm poetiku, b'xejriet reliġjużi u nazzjonali.

## 21. Paolo Pullicino - *Tagħlim il-Qari Malti Miktub għat-Tfal tal-Iskejjel* (1852)






Il-Kanonku Paolo Pullicino kien Spettur tal-Iskejjel Primarji bejn l-1850 u l-1880. Hu stinka biex iġib aktar dixxiplina fl-iskejjel u jtejjeb il-livell tat-tagħlim.